MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2013

Numru 1231/2009

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)
vs
Joseph Zammit u Glen Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 369345m u 182582m rispettivament, talli:

1. fis-7 ta' Settembru 2009 ghal habta tas-6.30pm fi Triq Hal-Luqa Qormi (fejn l-imhazen tal-Karnival) minghajr il-hsieb li joqtlu jew il jqieghdu l-hajja ta' Elton Edward Xuereb f'perikolu car ikkagunawlu offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elton Edward Xuereb skond ma' ccertifikat Dr Chole Bugeja dak in-nhar mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;
2. fl'istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew kontra Elton Edward Xuereb sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara;
3. talli Joseph Zammit wahdu huwa recidiv;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:
Mill-provi jirrisulta li l-imputati huma missier u iben u l-parti leza huwa r-ragel ta' bint l-imputat, il-missier. Dwar il-fatti dawn juru li fis-7 ta' Settembru 2009 dahal rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi ghal habta tas-6.30pm dwar li kien hemm persuni qed jiggieldu. Issemmiet it-triq indikata fl-akkuza fejn marru l-pulizija tad-distrett u sabu l-parti leza isofri minn griehi f'rasu. Gie ezaminat il-poliklinika ta' Hal-Qormi u ccertifikat li kien qieghed isofri minn qasma ta' circa zewg centimetri taht ghajneh il-leminija u qasma fuq l-iskutella ta' rasu li kienet twila circa erba centimetri. Dan apparti kellu tbengila taht spaltu tal-lemin. Bhala ferita gravi giet iccertifikata biss il-ferita tal-ghajn. In propositu u mitluba tikkonstata 'icto occuli' meta xehdet it-tabiba, li kienet allura immedikat lill-parti leza l-poliklinika, hija iddikjarat li bil kemm kienet tidher. Fir-rigward il-feriti l-ohra qalet li dik fl-ispalla kienet hafifa,  u wkoll dik fir-ras salv kumplikazzjonijiet li ma jirrisultax li kien hemm.
Il-parti leza xehed. Anzi xehed darbtejn. Qal li l-glieda kienet segwitu ta' argument li kellu mas-siehba tieghu, bint l-imputat. Meta ha l-pedana tax-xhieda fit-tieni okkazjoni hu irrinunzja ghal-kull haga li kienet rinunzjabbli u stqarr li kollox kien ikwieta u l-incident minsi.
Intant, mill-provi jirrisulta li l-imputati fil-gurnata 'de quo' kienu propozitament marru biex jiehdu sodisfazjon minghand il-parti leza li ghandu jinghad bil-kliem ipprovokhom. B'daqstant pero' il-Qorti mhux tirriskontra b'daqshekk li l-imputati kienu gustifikati. L-anqas qeghdha mill-assiem tal-provi ssib li l-feriti fuq il-parti leza gew ikkagunati lilu  unikament mill-imputat Glenn Zammit. Inghad dan pero' il-ferita gravi 'per se' kienet ta' entita' tali li bil-kemm halliet marka. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk hu kaz li jkun hemm stemperament fil-piena. Tirrizulta kontra l-imputat Joseph Zammit l-imputazzjoni tar-recidiva.

Konsegwentement, tiddikjara l-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni. Tiddikjara l-imputat Joseph Zammit hati tat-tielet imputazzjoni. Tiddikjara t-tieni imputazzjoni procediment esawrit.
Rat l-Artikolu 216 (1)(b)(2) tal-Kap 9 u fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit l-Artikolu 49 u 50 tac-citat Kap. Ikkonsidrat l-attenwanti generici. Tiddecidi li tillibera lill-imputati billi tapplika fil-konfront taghhom l-Artikolu 22 tal-Kap 446 fir-rigward l-imputat Glen Zammit ghall-perjodu ta' sena mill-lum u fir-rigward l-imputat Joseph Zammit ghal sentejn mill-lum.
Il-Qorti spiegat lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------